# LECTIO DIVINA

# L-XXIX ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 22, 15-21**

Wara d-djalogu mal-qassisin l-kbar u x-xjuħ, Ġesù jibqa fit-tempju, u hemmhekk terġa tibda diskussjoni oħra, l-ewwel mal-Fariżej imbagħad mas-Sadduċej. Ġesù sar problema urġenti kemm għall-mexxejja u għal diversi gruppi reliġjużi Lhud, u dak kollu li jseħħ minn issa 'l quddiem huwa preludju għall-passjoni u l-mewt tiegħu. Għalkemm fi tmiem il-kapitlu preżenti Mattew jinnota li "ħadd ma seta jwieġbu, u anqas ħadd ma kellu l-ħila jistaqsih aktar minn dakinhar" (22, 46), huwa ċar li dan mhux sinjal li l-avversarji ta' Ġesù għamlu pass lura milli jġarrbuh, imma li issa l-pjan tagħhom irid isir iktar urġenti u vjolenti.

**F'dak iż-żmien, il-Fariżej marru bdew jifthiemu bejniethom biex jaraw kif jonsbuh b'xi kelma. U bagħtulu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani**

Għandna kuntest li ġa irrepeta ruħu drabi oħra (eż., *Mt* 12, 1-15). Għall-apparenza il-Fariżej jippruvaw iżommu relazzjoni kordjali ma' Ġesù u jevitaw konfrontazzjonijiet diretti miegħu. Fejn qabel imorru jistaqsuh huma, din id-darba, forsi minħabba t-tensjoni li kienet qed tiżdied, jevitaw li jidhru huma u jibgħatu lid-dixxipli tagħhom. Barra minn hekk insibu ċ-ċirkustanza stramba li f'dan il-pjan jinvolvu wkoll lill-Erodjani. Dawn tal-aħħar ma kinux grupp reliġjuż imma partit politiku li jappoġġja lid-dinastija ta' Erodi u lil ħakma Rumana. F'ċirkustanzi normali, ma kinux jaqblu mal-Fariżej, imma f'dan il-każ il-preżenza tagħhom isservi biex id-disputa ma Ġesù ma tibqax waħda purament reliġjuża imma ssir ukoll politika. Il-verb "tonsob" – jintuża darbtejn oħra biss fl-Iskrittura – juri b'mod effikaċi li l-motivazzjoni tad-diskussjoni mhix it-tfittxija għall-verità imma għal pretest ċar li fuqu Ġesù jista' jiġi akkużat jew skreditat. Joħorġu għad-dawl id-dinamiċi tal-kalkolu politiku, tan-nuqqas ta' awtenticità, ta' alleanzi mibnija fuq il-qerq li jintużaw kontra dak li jitqies bħala theddida u bħala avversarju.

**u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa, u li t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares.**

Hija t-tattika tal-*captatio benevolentiae*: li nibda diskors ma' xi ħadd billi ngħidlu xi ħaġa li jieħu gost jismagħha. Imma hawnhekk tibda ħierġa id-dgħjufija ta' dawn in-nies xħin jippruvaw 'jixtru' lil Ġesù bl-istess modi kif 'jinxtraw' huma. Din it-tattika taħdem sewwa ma nies bħalhom li "kull ma jagħmlu biex jarawhom in-nies [...] iħobbu l-ewwel postijiet fl-imwejjed u l-ewwel postijiet fis-sinagogi, it-tislim fl-imsieraħ u li jkunu msejħin min-nies Rabbi" (*Mt* 23, 5-7). Is-supperv iċedi faċilment għal dan kollu u jaħseb li daqshekk ieħor huwa faċli li jqarraq b'ħaddieħor. Imma dan kollu hu ferm inqas effettiv ma' min hu awtentiku u umli, għax dan iħoss ferm inqas il-bżonn li jkun impressjonat, imfaħħar u muri ġieħ u rispett 'l barra min-normal. Naraw għal darb'oħra l-ambigwità: kliem apparentament sabiħ imma fir-realtà jservi biss biex jintefa' piż morali kbir fuq Ġesù ("raġel tħobb is-sewwa", "ma tħabbel rasek minn ħadd") b'tali mod li ma jkunx jista' jaħrab mid-dilemma li se titqiegħed quddiemu.

**Għidilna ħaġa, mela: Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxi lil Ċesari?»**

It-taxxa imperjali ġie imposta mir-Ruman fuq il-Lhudija fis-sena 6 w.K. Kulħadd (irġiel, nisa, u skjavi) kien obbligat iħallasha sal-età ta' 65 sena, u x'aktarx kienet tammonta għal dinar. Kienet saret *issue* politika u teoloġika: kienet sinjal ta' dominanza mill-barrani. Ix-xbieha tal-Imperatur fuq il-munita li biha kienet tiġi mħallsa kienet tikser il-projbizzjoni tat-*Torah* li ma jsirux xbihat tal-bnedmin (cfr., *Eż* 20,4), u l-Lhud kienu jaraw f'din il-munita x-xewqa tal-Imperu li jxerred il-kult idolatriku lejn l-Imperatur. Minħabba f'dan kollu il-ġest li ma titħallasx it-taxxa kien sinjal qawwi ta' ostilità kontra r-Rumani: Ġużeppi Flavju jirrakkonta li kif Ġuda l-Galilew beda r-ribelljoni tiegħu kontra r-Rumani fis-sena 6 w.K., propju billi xewwex lil-Lhud kontra t-taxxa li kienet għadha kemm ġiet imposta. Minkejja dan kollu, il-Fariżej kien ilhom żmien li iddeċidew li jħallsu din it-taxxa. Il-mistoqsija ma turix diffikultà tagħhom, imma tema sensittiva ħafna fost il-poplu. Anki l-mod kif ipoġġu l-kliem juri l-intenzjoni li Ġesù jitqiegħed f'diffikultà billi jitħalltu flimkien il-pjan politiku u l-pjan reliġjuż. Il-mistoqsija "jekk hux sewwa jew le" tagħmel riferiment għall-ġustizzja divina fit-*Torah* u allura Ġesù f'dak li se jgħid se jkollu fuqu t-theddida li jista' jikser il-Liġi divina (dan kien diġa ġara darbtejn oħra f'Mattew: fil-fejqan ta' raġel b'idu iebsa (12, 10), u fil-mistoqsija dwar x'jiġġustifika d-divorzju {19, 3}). Dan juri r-riskju li l l-għarfien tal-Iskrittura u l-argumentazzjoni teoloġika isiru strument sottili għall-kisba tal-poter u okkażjoni ta' abbuż fuq il-bniedem ta' fidi sempliċi. Huwa għalhekk li San Pawl iwissi lil Timotju dwar ir-riskju li xi wħud jintilfu fuq "ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ bil-fidi. [...] Xi wħud, billi tbiegħdu minn dan, ntilfu fi tlablib fieragħ; iridu jagħmluha ta' għalliema tal-Liġi, bla ma jifhmu x'inhuma jgħidu jew fuqiex qegħdin jinsistu." (*1 Tim* 1, 3-7).

**Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: «Għaliex tridu ġġarbuni ja wċuħ b'oħra? Uruni l-munita tat-taxxa.» Urewh dinar**

Mhijiex l-ewwel darba li Ġesù jikxef x'hemm fil-qalb tal-interlokuturi tiegħu: "Ġesù għaraf x'kienu qegħdin jaħsbu u qalilhom: 'Imma għaliex qegħdin taħsbu ħażin f'qalbkom?'" (*Mt* 9,4). Anki f'dan il-każ japplika dak li kien qal qabel fir-rigward tal-ikel: "Ma tifhmux li kull ma jidħol minn barra fil-bniedem ma jistax iniġġsu [...] Dak li joħroġ mill-bniedem iniġġes lill-bniedem. Għax minn ġewwa, minn qalb il-bniedem joħorġu l-ħsibijiet ħżiena" (*Mk* 7, 18.20) Il-biża jekk il-munita tiksirx il-Liġi hija superfiċjali jekk fil-qalb hemm ħażen li hu bil-wisq agħar. Dan il-ħażen joħroġ għad-dawl anki fil-fatt li huma għandhom fuqhom dik l-istess munita li juru li għandhom dubju fuqha. Filwaqt li "Bin il-bniedem m'għandux fejn imidd rasu" (*Mt* 8,20) huma, jidħlu bil-munita tax-xbieha tal-Imperatur fit-Tempju u juru li fil-fatt ma jħabblux rashom mill-każ teoloġiku li jridu jqajmu.

**u Ġesù staqsiehom: «Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?» Qalulu: «Ta' Ċesari!»**

Ġesù jdawwar il-mistoqsija li saritlu f'mistoqsija oħra lill-interlokuturi tiegħu. Jekk huma stess qegħdin jgħidu li dik il-munita li għandhom tgħajjat lill-Imperu, allura huwa konsegwenza loġika l-fatt li jridu jagħtu lill-Imperatur dak li jmissu. Il-munita hija simbolu tal-poter, u f'dawk iż-żminijiet kien jgħodd il-prinċipju li l-ħakma ta' imperatur jew re tasal sa dawk l-artijiet li jużaw il-muniti tiegħu. Minflok, il-kwistjoni fundamentali hija jekk il-poter li tissimbolizza l-munita huwiex assolut jew inkella hemmx sinjali ta' poter ieħor "minn fuq" (cfr., *Ġw* 19,12).

**Imbagħad qalilhom: «Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla.»**

Min għandu l-fidi jħallas it-taxxa li hi dovita minnu imma jemmen li l-bniedem, id-dinja, u l-istorja huma ta' Alla waħdu. Filwaqt li hu ċar dak li l-Lhud iridu jagħtu lill-Imperatur, il-vera mistoqsija li Ġesù jqiegħed għall-attenzjoni tal-interlokuturi tiegħu hija dwar dak li wieħed irid jagħti lil Alla. Mhux faċli li wieħed jistabilixxi dan u l-mistoqsija tibqa mhux imwieġba. Li wieħed "jagħti lil Alla dak li hu ta' Alla", ifisser li jagħmel ir-rieda tiegħu, u mhux jiddeċiedi hu, skont il-konvenjenza tal-mument jew l-ideat tiegħu, x'inhu s-sehem ta' Alla. Id-dixxiplu hu mistieden jiftaħ qalbu għall-preżenza ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum u jistaqsi lilu nnifsu x'inhu tassew dak li Alla qed jitolbu ma jagħtihx lil ħaddieħor imma jagħtih lilu.